**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 673/2021/1 NC**

**Jonathan Muscat**

**vs.**

**Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi;**
***Wild Birds Regulation Unit*;**
**Kummissarju tal-Pulizija; u**
**Avukat tal-Istat**

Illum 30 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent Jonathan Muscat (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna s-sospensjoni tad-deċiżjoni fuq imsemmija bil-għan illi l-kollezzjoni ta' tajr li preżentement qiegħda fil-pussess tar-rikorrenti tibqa' fil-pussess tiegħu ġewwa daru, u dana pendenti l-eżitu ta' dawn il-*

*proċeduri; dejjem, taħt kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun skont il-każ."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat id-Digriet tagħha (*a fol.* 10) tal-21 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimati kollha li ġew mogħtija żmien erbat (4) ijiem minn notifika sabiex jippreżentaw ir-Risposta tagħhom.

Rat ir-Risposta tal-intimat Avukat ta' l-Istat (*a fol.* 15 *et seq.*) ippreżentata fl-1 ta' Novembru 2021 fejn oġġezzjona għat-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

Rat ir-Risposta tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u *Wild Birds Regulation Unit* (*a fol.* 17 *et seq.*) ippreżentata fl-1 ta' Novembru 2021 fejn oġġezzjonaw għat-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

Rat ir-Risposta tal-intimata l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi (*a fol.* 26 *et seq.*) ippreżentata fl-1 ta' Novembru 2021 fejn oġġezzjonat għat-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021, is-sottomissjonijiet finali tal-konsulenti legali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota illi dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja *ossia interim measure* u ċioé sospensjoni tal-konfiska tat-tjur li jingħad ser jinġarru l-barra mir-residenza tar-rikorrent, fejn ir-rikorrent qed jitlob li t-tjur in kwistjoni jibqgħu fil-pussess tiegħu ġewwa daru u dana pendenti l-eżitu tar-Rikors Kostituzzjonali *per se*.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Ir-rikorrent Jonathan Muscat għandu fil-pussess tiegħu kollezzjoni ta' tjur ibbalzmati u skont hu:

    - il-Pulizija daħlu fil-proprjeta' tiegħu sabiex jispezzjonaw u jissiġillaw fejn qed jinżammu t-tjur ibbalzmati;

    - hemm ir-riskju imminenti li dawn it-tjur jiġu kkonfiskati;

    - il-vetrini li fihom hemm it-tjur ġew issiġillati mill-intimati jew min minnhom.

- L-intimat Avukat tal-Istat jsostni li:

    - il-konfiska tat-tjur mhijiex mansjoni tiegħu u li hu la wettaq u lanqas sejjer iwettaq l-għemil li qed jilmenta minnu r-rikorrent bil-konsegwenza li huwa mhux il-leġittimu kontradittur;

    - din il-proċedura ta' miżura proviżorja hija proċedura straordinarja li tingħata f'każijiet eċċezzjonali u fil-każ tar-rikorrent ma hemmx *"an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb"* u għalhekk ir-rimedju mitlub mhux mistħoqq;

    - ir-rikorrent iktar qed juża dawn il-proċeduri sabiex iwaqqaf lill-Pulizija u lill-awtoritajiet kompetenti milli jaqdu dmirijiethom.

- L-intimati Kumissarju tal-Pulizija u *Wild Birds Regulation Unit* wieġbu li:

    - dak li qed jintalab hija proċedura eċċezzjonali li mhijiex intiża sabiex tingħata kull darba li jkun hemm allegazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali;

    - sabiex jingħata dan ir-rimedju jrid jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li qed titolbu;

- kienu l-*Environmental Protection Unit* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija flimkien mal-Awtorita' tal-Ambjent (ERA) li marru fil-fond tar-rikorrent u li, minn naħa tagħha, l-Aworita' appena msemmija ma daħlitx fil-fond tar-rikorrent *stante* li hija marbuta bil-liġi li tinnotifika b'Avviż lill-persuna in kwistjoni (f'dan il-każ, ir-rikorrent) u li jingħata tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel ma taċċedi għal fond tiegħu;

- l-intimati kienu qegħdin iwettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament 27 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Leġislazzjoni Sussidarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta);

- it-talba mressqa mir-rikorrent hija prematura *stante* li għad jeħtieġ il-pre-avviż ta' tmienja u erbgħin (48) siegħa msemmi hawn fuq;

- f'każ li jsir it-trasferiment tat-tjur biex jinżamm bħala *corpus delicti* dan jittieħed fil-Mużew ta' l-Istorja Naturali fl-Mdina fejn hemm esperti u kuraturi appożiti li jieħdu kura ta' tali tjur;

- f'każ li r-rikorrent jiġi liberat mill-akkuzi meħuda kontrih permezz ta' proċeduri kriminali fejn ikunu nżammu l-kollezzjoni tat-tjur in kwistjoni, il-kollezzjoni terġa' tiġi ritornata lilu;

- ir-rikorrent ma ndikax xi drittijiet qed jiġu leżi;

- il-ħsara li qed jilmenta minnha r-rikorrent ma hijiex ta' "*an apparent real and imminenti risk of irreparable harm to life and limb*".

• L-intimata Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi tisħaq li:

- ir-rikorrent naqas milli jindika taħt liema artikolu r-rikorrent qed isejjes it-talba tiegħu jew liema drittijiet fundamentali qed jiġu leżi;

- hija mhijiex il-leġittimu kontradittur *stante* li mhux mansjoni tagħha li tikkonfiska t-tjur;

- l-Awtorita' għandha kull jedd li tinvestiga każijiet ta' ksur ta' liġijiet ambjentali u li tgħin lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom għall-eventwali Prosekuzzjoni;

- ma hemmx riskju reali ta' "*serious and irreparable harm*" u li l-azzjoni tar-rikorrent hija intiża biss sabiex ixekkel lill-awtoritajiet milli jwettqu d-dmirijiet tagħhom;

- bit-talba għall-miżura proviżorja r-rikorrent qed jipprova jwaqqaf lill-intimati milli jwettqu xogħolhom;

- il-biża' tar-rikorrent hija bla bażi minħabba li l-Awtorita' għad trid tagħmel l-ispezzjoni tagħha, waqt liema spezzjoni jiġu identifikati l-ispeċi li hemm fil-kollezzjoni u jekk hemmx ċertifikazzjoni għal dawn t-tjur b'dana li jiġu elevati biss dawk li ma humiex koperti minn tali ċertifikazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għan ta' miżura *ad interim*, hekk kif maħsuba f'Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija intiża sabiex tagħti s-setgħa lill-Qorti tkun tista' twaqqaf milli ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu. F'dan ir-rigward issir riferenza għal-provvediment mogħti fit-2 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et** (Rikors Numru 50/2013) fejn il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti:

> "Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[1]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata

[1] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mamatkulov et vs. Turkija** (Applik. Nru. 46837/99) § 110.

rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[2]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.[3]"

Illi għalhekk l-istħarriġ li trid tagħmel l-Qorti fl-għoti ta' miżura bħal din huwa dak *prima faċie*.

**Ikkunsidrat**

Illi, meħud dak li għadu kemm ingħad hawn fuq in konsiderazzjoni, il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- Filwaqt li l-Qorti tinnota li r-Rikors promutur seta' jigi redatt b'aktar dettall, tinnota wkoll li fl-ewwel paragrafu tar-Rikors, ir-rikorrent jagħmel riferenza għar-Rikors Kostituzzjonali *per se*, f'liema Rikors Kostituzzjonali spjega f'aktar dettall x'kienu l-ilmenti tiegħu u xi drittijiet allegatament inkisru jew kienu ser jinkisru.

- Mir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-*Wild Birds Regulation Unit* jirriżulta li l-azzjonijiet li ttieħdu sa issa jaqaw taħt Artikolu 27A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

- *Ai termini* ta' Artikolu 71(2) tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorita' tal-Ambjent trid tagħti avviż bil-quddiem ta' tmienja u erbgħin (48) siegħa sabiex taċċedi għal fond in kwistjoni.

[2] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.
[3] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et**.

- Jekk il-Pulizija jew il-*Wild Birds Regulation Unit* iħossu li għandhom jikkonfiskaw mir-residenza tar-rikorrent it-tjur in kwistjoni, ir-rikorrent ikun għad fadallu rimedju ordinarju li jikkonsisti f'Appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Dan jirrizulta mit-tieni proviso tar-Regolament 27A(1) tal-Leġislazzjoni Sussidarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

  > "Iżda wkoll kull persuna li tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi taħt dan is-subregolament, tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit taħt l-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva għar-revoka jew tibdil ta' dik il-penali, kif ukoll ir-radd lura tal-*corpus delicti* konfiskat skont dan ir-regolament."

  Il-Qorti żżid billi tgħid li mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jeżisti stadju ta' appell u dana skont Artikolu 22 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva).

- L-iter huwa simili ħafna għal iter proċesswali li l-Qorti tal-Appell evalwat fil-provvediment mogħti minnha fil-25 ta' Settembru 2014 fl-ismijiet **Federation of Estate Agents vs. Direttur Generali (Kompetizzjoni) et** (Appell Civili Numru 87/2013/1) u dana għalkemm il-kwistjoni odjerna hija dwar konfiska ta' tjur u mhux penali bħal ma kien il-provvediment li għadu kemm sar riferenza għalih. F'dan il-provvediment imsemmi, il-Qorti tal-Appell spjegat is-segwenti:

  > "14. F'materja ta' l-hekk imsejħa *interim measures* huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti

jkun jeħtiġilha tagħmel[4]. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri *ad interim* huma indikati f'każijiet eċċezzjonali[5]. Inoltre, tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kunsidrata taħt l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni isegwi li l-proviso tal-istess subartikoli japplika wkoll għal dik it-talba[6] u li għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikoli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja." [emfażi miżjuda]

- Mir-rimedji a dispożizzjoni tar-rikorrent jidher biċ-ċar li dan il-proċess għadu fil-bidu tiegħu u li r-rikorrent għandu mezzi ordinarji sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu u konsegwentement jirrizulta li l-azzjoni ttentata quddiem din il-Qorti bir-Rikors odjern in eżami hija fil-fatt prematura. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li l-ebda waħda mill-partijiet ma kkonfermat li hija sejra tikkonfiska t-tjur in kwistjoni fil-ġranet li ġejjin, anzi hemm dikjarazzjoni li għad hemm proċess li jrid jiġi segwit u huma biss it-tjur li huma bla ċertifikazzjoni li jistgħu jiġu kkonfiskati.

**Ikkunsidrat**

Illi, f'dan l-istadju, il-Qorti filwaqt li terġa tagħmel riferenza għall-kwotazzjoni li saret aktar-il fuq meta għamlet riferenza għall-provvediment fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et** (Rikors Numru 50/2013), tinnota li fl-istess provvediment, il-Qorti diversament preseduta qalet:

"Illi għalkemm huwa minnu, kif jallegaw l-intimati, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta'

[4] Ara Q. Kost. **Joseph Camilleri vs. Avukat Generali**, 1/7/201 3, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, paġna 113).
[5] Ara Q. Kost. **Joseph Ruggier et vs. Joseph Olivier Ruggier et**, 22/8/2005 #7, #11.
[6] Q. Kost. **Ryan Briffa vs. Avukat Ġenerali**, 3/6/2013 #29.

> Strasburgu taħt ir-Regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni.[7]"

Illi fil-provvediment mogħti fid-19 ta' April 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Stephen Pirotta vs. Avukat Generali et** (Rikors Numru 13/2016), il-Qorti diversament preseduta qalet:

> "Illi l-miżuri proviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lill-vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment.[8]"

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li, l-ewwel u qabel kollox, skont l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi mhux it-tjur kollha jiġu kkonfiskati imma dawk biss bla ċertifikazzjoni. Dan huwa punt li mhuwiex kontradett mir-rikorrent. Konsegwentement l-ilment tar-rikorrent li huwa sejjer jitlef kollox, jaf mhux minnu.

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa li malli t-tjur jiġu elevati mill-proprjeta' tiegħu, huwa ser isofri preġudizzju irrimedjabbli minħabba li dawn it-tjur sejrin jintilfu. Jirriżulta mill-atti li jekk it-tjur jiġu kkonfiskati, dawn jiġu mgħoddija fil-Mużew tal-Istorja Naturali fl-Mdina fejn hemm esperti u kuraturi appożiti sabiex jieħdu kura tagħhom. Isegwi li ma jirriżultax lil din il-Qorti l-ħsara imminenti li huwa rikjest li għandha tirriżulta sabiex tintlaqa' t-talba odjerna in eżami għall-ħruġ ta' miżura proviżorja.

Illi, apparti dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti żżid tgħid li minn ħarsa lejn dak li qalu ripetutament il-Qrati tagħna fil-kuntest ta'

[7] Ara Ordni *Interim* Q.E.D.B. 30.11.1999 fil-kawża **Ocalan vs. Turkija** (Applik. 46221/99).

[8] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mamatkulov et vs. Turkija** (Applik. Nru. 46837/99) § 110.

meta tista' tingħata miżura *ad interim* għandu jirriżulta li, fil-każ odjern, m'hemmx urġenza estrema fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirrizulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara rreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata. Riferenza sejjer isir għall-provvediment mogħti fl-24 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Anna Vassallo gja Spiteri vs. Avukat tal-Istat** (Rikors Numru 454/2021) fejn il-Qorti kkwotat is-segwenti:

> "Fil-ktieb ***"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"*** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi:
>
> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures" (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!"*[9]

Illi, minn analiżi tal-fatti rigwardanti r-Rikors odjern, ma jirriżultax li hemm "*an imminent risk of irreparable harm to life and limb*".

Illi għaldaqstant, in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja hekk kif mitlub fir-Rikors promutur.

[9] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4 th edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta′ u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta′ miżura proviżorja *ossia interim measure* hekk kif mitlub fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**